Nru./No. 19,369
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar, 2015
Friday, 16th January, 2015

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 329 - 339
Government Notices ..... *329 - 339*

Avviżi tal-Pulizija ..... 339 - 345
Police Notices ..... *339 - 345*

Avviżi lill-Baħħara ..... 345 - 346
Notices to Mariners ..... *345 - 346*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 347 - 361
Employment Opportunities ..... *347 - 361*

Avviżi tal-Gvern ..... 361 - 365
Notices ..... *361 - 365*

Offerti ..... 365 - 405
Tenders ..... *365 - 405*

Avviżi tal-Qorti ..... 405 - 420
Court Notices ..... *405 - 420*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 26

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 82 imsejjaħ Att tal-2015 li jemenda Diversi Liġijiet (Persuni b'Diżabilità) (Sħubija f'Diversi Entitajiet);

Abbozz ta' Liġi Nru. 83 imsejjaħ Att tal-2015 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili;

Abbozz ta' Liġi Nru. 84 imsejjaħ Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 85 imsejjaħ Att tal-2015 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Is-16 ta' Jannar, 2015

Nru. 27

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

Rikonoxximent ta' Għotja tal-Midalja

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, awtorizzat ir-rikonoxximent tal-għotja tal-Midalja tal-President tar-Repubblika Slovakka lis-Sur Godwin Edward Bencini.

Id-19 ta' April, 2013
COF/575/1962/X

Nru. 28

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

Ħatra ta' Membru Sostitut fil-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili

SKONT l-artikolu 4 (1) c (i) tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sa Annalisa Schembri bħala Membru Sostitut fil-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili. Il-ħatra tibqa' fis-seħħ sat-3 ta' Ġunju, 2016.

Is-16 ta' Jannar, 2015

GOVERNMENT NOTICES

No. 26

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement of this Gazette:

Bill No. 82 entitled the Various Laws (Persons with Disability) (Membership in Various Entities) Act, 2015;

Bill No. 83 entitled the Civil Protection (Amendment) Act, 2015;

Bill No. 84 entitled the Local Councils (Amendment) Act, 2014; and

Bill No. 85 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2015.

16th January, 2015

No. 27

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)

Recognition of the Conferment of a Medal

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the Medal of the President of the Slovak Republic to Mr Godwin Edward Bencini.

19th April, 2013

No. 28

MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES

Appointment of Substitute Member on the Civil Society Committee

IN terms of Article 4 (1) c (i) of the Malta Council for Economic and Social Development Act, the Prime Minister has approved the nomination of Ms Annalisa Schembri as Substitute Member of the Civil Society Committee. This appointment is valid until 3rd June, 2016.

16th January, 2015

Nru. 29

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

Ħatra ta' Membru u Membru Sostitut fil-Kumitat Reġjonali għal Għawdex

SKONT l-Artikolu 6A tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sur Jonathan Mintoff u s-Sur Shaun Azzopardi, bħala Membru u Membru Sostitut rispettivament, tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex, f'isem il-Gozo University Group (GUG). Il-ħatra tibqa' fis-seħħ sat-3 ta' Ġunju, 2016.

Is-16 ta' Jannar, 2015

No. 29

MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES

Appointment of Member and Substitute Member on the Gozo Regional Committee

IN terms of Article 6A of the Malta Council for Economic and Social Development Act, the Prime Minister has approved the appointment of Mr Jonathan Mintoff and Mr Shaun Azzopardi, as Member and Substitute Member respectively, on the Gozo Regional Committee, representing the Gozo University Group (GUG). These appointments are valid until 3rd June, 2016.

16th January, 2015

Nru. 30

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Is-16 ta' Jannar, 2015
(File No. A 4231/1997)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,050 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2012_687_1, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) Marie-Louise Coleiro Preca
President

Il-31 ta' Diċembru, 2014

No. 30

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

16th January, 2015

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land in Birżebbuġa:

A plot of land of the area of about 4,050 square metres, bounded on the North, West and East by Government property.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. 2012_687_1, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Marie-Louise Coleiro Preca
President

31st December, 2014

Nru. 31

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Is-16 ta' Jannar, 2015
(File No. L745/73/I/20B/FF 1)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Ġenerali datata 25 ta' April, 1974 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Mejju, 1974, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 325, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi biċċa art, inklużi 2 strutturi, kamra, bini ġdid mhux komplut u nofs il-wisa' ta' sqaq, tal-kejl ta' 7 Tomniet, 1 Siegħ u 2 Kejliet (8093.7 metri kwadri), li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tan-Nobbli Kav. Alexander Apap Bologna, min-Nofsinhar ma' Triq tal-Ħlas u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur John Cilia, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skopijiet pubbliċi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Qormi:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 870 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Joseph Zammit u mill-Punent ma' proprjetà tan-Nobbli Kav. Alexander Apap Bologna.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* Nru. 20E_2 fuq il-pjanta P.D.336_73_B_7, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) Marie-Louise Coleiro Preca
President

Il-31 ta' Diċembru, 2014

No. 31

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under article 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

16th January, 2015

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Governor General dated 25th April, 1974, published in the Government Gazette of the 3rd May, 1974 under Government Notice No. 325, the Governor General had declared the land, including 2 structures, a room, a new incomplete building and half the width of an alley, measuring 7 Tomniet, 1 Siegħ and 2 Kejliet (8093.7 square metres), bounded on the West by property of the Noble Chev. Alexander Apap Bologna, on the South by Triq tal-Ħlas and on the West by property of Mr John Cilia, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land Ħal Qormi:-

A plot of land measuring about 870 square metres, bounded on the North and South East by property of Joseph Zammit and on the West by property of the Noble Chev. Alexander Apap Bologna.

The abovementioned land is shown marked in red and as plot No. 20E_2 on plan P.D.336_73_B_7, which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Marie-Louise Coleiro Preca
President

31st December, 2014

Nru. 32

ĦATRA TAL-KUMITAT ORNIS

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10(2) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jgħarraf li l-Kumitat Ornis għas-sena 2015 huwa kompost kif ġej:

Chairman
Prof. Mark Anthony Falzon

Membri
Is-Sa Emeline Fenech
Is-Sur Gwido Baldacchino
Is-Sur Marco Falzon
Is-Sur Lino Farrugia
Is-Sur Joe Perici Calascione
Is-Sur Stephen Saliba
Is-Sur Geoffrey Saliba
Is-Sur Nicholas Barbara
Is-Sur Mark Gauci
Is-Sur Frank Vassallo

Segretarju
Is-Sur Sergei Golovkin

Id-9 ta' Jannar, 2015

No. 32

APPOINTMENT OF THE ORNIS COMMITEE

BY virtue of the powers conferred by article 10(2) of the Conservation of Wild Birds Regulations, the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change notifies that the Ornis Committee for 2015 is composed as follows:

Chairman
Prof. Mark Anthony Falzon

Members
Ms Emeline Fenech
Mr Gwido Baldacchino
Mr Marco Falzon
Mr Lino Farrugia
Mr Joe Perici Calascione
Mr Stephen Saliba
Mr Geoffrey Saliba
Mr Nicholas Barbara
Mr Mark Gauci
Mr Frank Vassallo

Secretary
Mr Sergei Golovkin

9th January, 2015

No. 33

ATT DWAR IR-RESPONSABBILTÀ FISKALI (KAP. 534)

Kunsill Fiskali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artiklu 48 tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali, il-Ministru għoġbu jaħtar lill-persuni li ġejjin bħala Membri tal-Kunsill Fiskali għal perjodu ta' erba' snin b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2015.

Chairperson
Is-Sur René Saliba, BA (Hons) (Econ.) (Melit.), ACIB

Membri
Is-Sur Ian Cassar, BCom (Hons) (Econ.) (Melit.), MSc (Econ.) (Edin.), PhD (Heriot-Watt)
Is-Sur Carl Camilleri, BA (Hons) (Econ.) (Melit.), MSc (Econometrics) (Lond.)

Is-16 ta' Jannar, 2015

No. 33

FISCAL RESPONSIBILITY ACT (CAP. 534)

Fiscal Council

IT is notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 48 of the Fiscal Responsibility Act (Cap. 534), the Minister for Finance has appointed the following persons as Members of the Fiscal Council for a period of four years with effect from 1st January 2015.

Chairperson
Mr René Saliba, BA (Hons) (Econ.) (Melit.), ACIB

Members
Mr Ian Cassar, BCom (Hons) (Econ.) (Melit.), MSc (Econ.) (Edin.), PhD (Heriot-Watt)
Mr Carl Camilleri, BA (Hons) (Econ.) (Melit.), MSc (Econometrics) (Lond.)

16th January, 2015

Nru. 34

ĦATRA TA' AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

L-ISKRIVAN tal-Kamra tad-Deputati approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mrs Josanne Paris	Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati *Acting Clerk to the House of Representatives*	Kamra tad-Deputati Parlament ta' Malta *House of Representatives* *Parliament of Malta*	14.01 to 23.01.2015

Is-16 ta' Jannar, 2015

No. 34

APPOINTMENT OF ACTING CLERK TO THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

THE Clerk to the House of Representatives has approved the following acting appointment:–

16th January, 2015

Nru. 35

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Maria Roberta Mamo bħala Nutar Delegat u Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dr Paula Mamo, u dan għall-perjodu bejn is-7 u l-11 ta' Jannar, 2015.

Illum, it-8 ta' Jannar, 2015.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 35

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Maria Roberta Mamo to be Notary Delegate and Keeper of the Acts for Notary Dr Paula Mamo, for the period between the 7th and the 11th January, 2015.

Today, 8th January, 2015.

JANET CALLEJA
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 36

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Kuraturi Uffiċjali u Avukati għall-Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi Dr Victor J. Bugeja, LLD, inħatar bħala Kuratur Uffiċjali u Avukat għall-Għajnuna Legali (Malta) għall-perjodu bejn it-13 ta' Jannar, 2015, u t-12 ta' Jannar, 2016.

L-14 ta' Jannar, 2015
(MJ/44/1988/VII)

No. 36

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Official Curators and Advocates for Legal Aid

IT is notified for general information that Dr Victor J. Bugeja, LLD, has been appointed Official Curator and Advocate for Legal Aid (Malta), for the period between 13th January, 2015, and 12th January, 2016.

14th January, 2015

Nru. 37

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA05501/08
Post: Sit f'Ta' Alla u Ommu, Wied Filep, Limiti tan-Naxxar
Proposta: *Masterplan* għar-rilokazzjoni ta' impjant minn Barriera 15

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl-20 ta' Ottubru 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-20 ta' Novembru 2014.

No. 37

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA05501/08
Location: Site at Ta' Alla u Ommu, Wied Filep, Limits of Naxxar
Proposal: Masterplan for the relocation of plant from Quarry 15

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 20th October 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 20th November 2014.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera skart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, skart inert se jiġi ġġenerat fi kwantitajiet mhux meqjusa bħala sinifikanti. Waqt l-operat, l-attivitajiet fuq is-sit mhumiex mistennija li jiġġeneraw ammonti sinifikanti ta' skart muniċipali. Kull skart perikoluż se jiġi ttrattat jew mormi skont il-permess tal-konsenja tal-iskart perikoluż.
Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. Inert waste generated during the construction phase is not considered to be significant. During operation, activities on site are not expected to generate significant amounts of municipal waste. Any hazardous waste will be treated or disposed of in accordance with the hazardous waste consignment permit.*

Impatt fuq il-kwalità tal-arja	Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u mit-tħaffir tas-sit, u emissjonijiet ta' *Nitrogen Oxide* (*NO*) minn vetturi tqal. Madankollu, l-ebda impatt sinjifikattiv mhu mistenni minħabba li ma hemmx riċetturi sensittivi fiż-żona tal-madwar mill-iżvilupp u dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu trabijiet u ħruġ ta' *Nitrogen Oxide* (*NO*) matul l-operat tal-impjant u mit-traffiku. It-tqanqil ta' trabijiet waqt l-operat jistgħu jitnaqqsu biżżejjed permezz ta' ddisinjar xieraq tal-impjant, ġestjoni xierqa tal-iskart u miżuri oħra li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat. *Nitrogen Oxide* (*NO*) mit-traffiku operattiv mhux mistenni li jkun sinifikanti.
Impact on air quality	*During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and Nitrogen Oxide (NOx) emissions from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged given that that there are no particular sensitive receptors in the area of influence of the development and as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, dust will be generated during plant operation and from traffic. Dust generation during operation can be sufficiently abated through proper plant design, adequate waste management and other measures which could be managed through an operational permit. Nitrogen Oxide (NOx) from operational traffic is not expected to be significant.*
Storbju u vibrazzjonijiet	L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat, l-istorbju u l-vibrazzjoni huma mistennija mill-magni fl-impjant propost (*stone crusher, batching plant*). Madankollu, dawn mhux se jippreżentaw l-ebda impatt partikolari meta mqabbel mas-sitwazzjoni li diġà teżisti fil-madwar. Barra minn hekk, dan l-impatt jista' jittaffa biżżejjed permezz ta' ddisinjar tal-impjant kif suppost u b'miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat.
Noise and vibrations	*Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operations, noise and vibration are expected from the various machines within proposed plant (stone crusher, batching plant). However, these will not present any particular impact over and above the currently existing situation in the surrounding area. Furthermore, such impact can be mitigated sufficiently through proper plant design and through measures which could be managed by means of an operational permit.*
Qualita' tal-Ilma	Is-sit jinsab fi *Drinking-Water Safeguard Zone* u biswit Wied il-Għasel. Il-proġett jista' jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma permezz tar-rilaxx potenzjali ta' ilmijiet kontaminati fil-widien tal-madwar. Għalhekk, disinn xieraq u miżuri operattivi għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni ta' art jew ilma minn ħruġ ta' inkwinanti.
Water Quality	*The site is situated within a Drinking-Water Safeguard Zone and adjacent to Wied il-Għasel valley system. The project may further increase the risk of contamination of water through the potential release of contaminated waters into the surrounding valley system. Therefore, appropriate design and operational measures should ensure that there are no risks of land or water contamination from the release of pollutants.*
Impatti fuq il-wirt kulturali	Għalkemm is-sit u l-madwar kienu suġġetti għal disturbi estensivi, hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali speċjalment dwar il-monitoraġġ tax-xogħlijiet.
Impact on cultural heritage	*Although the site and its entire surrounding area have been subjected to extensive disturbance, there is a possibility of archaeological remains being uncovered. Thus consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required especially regarding monitoring of on-site works.*
Impatt permezz ta' dawl	Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dawk li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi.
Light pollution	*During night time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.*

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-16 ta' Jannar, 2015

Nru. 38

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Reference Number: PA 04241/08
Location: Barriera No. 81, Triq Ta' Wied Ħanzir, Siġġiewi
Proposal: Estensjoni ta' barriera eżistenti

Reference Number: PA 04242/08
Location: Barriera No. 71, Triq Għal Għar Ħanzir, Siġġiewi
Proposal: Estensjoni ta' barriera eżistenti

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-3 ta' Lulju 2009, u fl-4 ta' April 2010 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali limitat sottomessa fl-20 ta' Diċembru 2010.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

16th January, 2015

No. 38

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 04241/08
Location: Quarry No. 81, Triq Ta' Wied Ħanzir, Siġġiewi
Proposal: Extension to existing quarry

Reference Number: PA 04242/08
Location: Quarry No. 71, Triq Għal Għar Ħanzir, Siġġiewi
Proposal: Extension to existing quarry

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 3rd July 2009, and the 4th April 2010 and the justification for proposal from carrying out a limited Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 20th December 2010.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Kwalità tal-ilma	Mhumiex mistennija impatti sinifikanti, u l-ġestjoni xierqa ta' materjali li jistgħu jniġġsu (eż. żjut) skont il-proċeduri statutorji għandhom ikunu biżżejjed biex jitnaqqsu l-effetti fuq l-ambjent u fuq l-ilma tal-pjan. Dan l-aspett se jkun infurzat permezz tal-mekkaniżmi tal-permessi ambjentali.

Water Quality	*No significant impacts are envisaged, and the proper management of potential pollutants (e.g. oils) in accordance with statutory procedures is expected to be sufficient to minimise effects on the environment and on groundwater. This aspect will be enforced through the environmental permitting mechanism.*
Kwalità tal-arja, jinkludi trab	Se jittieħdu l-miżura kollha prattikabbli biex jitnaqqas it-tixrid ta' trabijiet. Se jitħaddmu wkoll miżuri oħra *standard* biex jittaffew l-impatti.
Air quality, including dust	*Practical measures shall be undertaken to mitigate dust dispersion. Standard mitigation measures will be implemented to limit any impacts.*
Skart	L-iskart li se jinħoloq mill-iżvilupp kif propost huwa minimu, però minkejja dan, ħafna mill-materjal li se jiġi ġġenerat mill-attivitajiet tal-barriera se jitfarrak u jiġi rriċiklat fi *crusher* ġo barriera oħra minflok ma jinġabar fuq is-sit.
Waste	*Waste to be generated by the proposed development is considered to be minimal, however most of the material arising from the quarrying activities would be crushed and recycled at the crusher in another quarry and not heaped on site.*
Storbju u vibrazzjonijiet	Ix-xogħlijiet proposti se jsiru f'żona fejn hemm barrieri u għalhekk huwa mistenni li mhux se jkun hemm storbju u vibrazzjonijiet sinifikanti. Dawn l-impatti se jkomplu jittaffew permezz ta' miżuri msemmijin fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni.
Noise and Vibration	*The proposed works will be located within an area recognisant of quarry activity, and thus significant noise and vibrations are not envisaged. Noise abatement measures in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (L.N. 295 of 2007) shall further minimise any impacts.*

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-16 ta' Jannar, 2015

Nru. 39

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

16th January, 2015

No. 39

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the

li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK156777
Post: Għalqa fi Triq Bieb ir-Ruwa, Tal-Ħafa, Fiddien, Rabat, Malta
Proposta: Bini ta' serer li jinkludu *cladding* għall-*Solar Panels* li jħarsu lejn in-Nofsinhar u bini ta' kamra tal-għodda, *substation* u ġibjun għal ħażna tal-ilma taħt l-art.

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-30 ta' Ottubru 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-5 ta' Diċembru 2014.

proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK156777
Location: Field in Triq Bieb ir-Ruwa, Tal-Ħafa, Fiddien, Rabat, Malta
Proposal: Construction of greenhouses including South facing integrated solar panels cladding and construction of a tool room, substation and underground water reservoir.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 30th October 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 5th December 2014.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart	L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini kif ukoll waqt l-operat mhux mistenni li jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett.
Waste generation	*The amount of solid waste likely to be generated by the project during both construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project.*
Storbju, vibrazzjonijiet, u kwalità tal-arja	Waqt il-kostruzzjoni, l-emissjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti. Impatti relatati mal-istorbju, vibrazzjonijiet u l-kwalità tal-arja se jkunu temporanji u jistgħu jiġu immitigati skont r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007).
Air quality, noise and vibration impacts	*During construction, emissions are not expected to be significant. Noise, vibrations, and dust-related impacts during construction are temporary and can be mitigated through the application of mitigation measures as identified in the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007).*
Impatt viżiv	L-ebda impatt viżiv sinjifikanti ma huwa mistenni minħabba li l-impatt viżiv qed jiġi mnaqqas permezz ta' proposta għal-*landscaping*.
Visual Impact	*No significant visual impacts are expected given that visual impact is being mitigated through a landscaping proposal.*
Impatt permezz ta' dawl	Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dawk li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi.
Light pollution	*During night-time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.*

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Is-16 ta' Jannar, 2015

16th January, 2015

Nru. 40

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16.1.2015	€33.857	€0.484

Is-16 ta' Jannar, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 4

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Pawl il-Baħar

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Frar, 2015, mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m. minn Triq San Pawl, Triq Parades, Triq il-Knisja, Triq Toni Bajada, Triq Sant' Aristarkus u Triq il-Parroċċa.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Safi

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Jannar, 2015, mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m. minn Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp u Triq Santa Marija.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Jannar, 2015

No. 40

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16.1.2015	€33.857	€0.484

16th January, 2015

POLICE NOTICE

No. 4

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

San Pawl il-Baħar

On Sunday, 8th February, 2015, between 3.00 p.m. and 7.00 p.m. through Triq San Pawl, Triq Parades, Triq il-Knisja, Triq Toni Bajada, Triq Sant' Aristarkus and Triq il-Parroċċa.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

Ħal Safi

On Sunday, 25th January, 2015, from 6.00 p.m. till 10.00 p.m. through Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp and Triq Santa Marija.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th January, 2015

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 5

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk, kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar is-Sibt, 17 ta' Jannar, 2015 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar minn Triq San Pawl minn Pjazza Kastilja.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Jannar, 2015

POLICE NOTICE

No. 5

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as 'Tow Zones' as indicated.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Saturday, 17th January, 2015, from 8.00 a.m. till noon through Triq San Pawl from Pjazza Kastilja.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

16th January, 2015

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija t-tieni pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

Michael Cassar
Kummissarju tal-Pulizija

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex fil-perjodu matul ix-xhur minn Lulju sa Settembru, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
01.07.2014	Brazzuletta ta' metall isfar	Antea Grech
02.07.2014	Kartiera u dokumenti	William Galea
05.07.2014	Portmoni u dokumenti	Samuel Camilleri
07.07.2014	*Mobile phone*	Brian Cutajar
09.07.2014	*Mobile phone*	Anthony Vella
14.07.2014	*I phone*	Garry Louise Cheshire
22.07.2014	Portmoni u flus	Ursula Mercieca
22.07.2014	Flus	Michelle Attard
22.07.2014	Kartiera u flus	Simon Dingli
22.07.2014	Priservattivi tal-ikel	Mariella Cardona
29.07.2014	*Digital Camera*	Charlie Cefai
29.07.2014	Portmoni u flus	Rita Camilleri
30.07.2014	Portmoni u flus	Loreto Buttigieg
30.07.2014	*Digital Camera*	Paul Cortis

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
30.07.2014	Flus	Michael Portelli
05.08.2014	Flus	Lawrence Cauchi
05.08.2014	Portmoni u flus	Christian Bugeja
07.08.2014	Dokumenti	Unknown person
07.08.2014	Dokumenti	M'Jane Formosa
09.08.2014	Kartiera u flus	Ritienne Buttigieg
11.08.2014	*Mobile phone*	Joe Falzon
18.08.2014	Kullana ta' metall abjad	Francis Muscat
18.08.2014	Ċekk	Carmen Tabone
19.08.2014	Barżakka b'oġġetti personali u flus	Tarsilla Axiaq
20.08.2014	Flus	Monica Vella
22.08.2014	Kartiera u flus	James Farrugia
22.08.2014	*Mobile Phone*	Teddy Grima
28.08.2014	*Digital Camera*	Maurice Hili
02.09.2014	Flus	Carmel Sultana
03.09.2014	Katina ta' metall isfar	Michael Fava
12.09.2014	*Mobile phone*	Paul Attard
30.09.2014	Basket, *mobile* u ħwejjeġ	David Borg

Dan l-avviż iħassar dak ippublikat bl-istess titlu fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,364 tas-6 ta' Jannar, 2015.

This notice repeals the one with the same title published in Government Gazette No. 19,364 of the 6th January, 2015.

Is-16 ta' Jannar, 2015

16th January, 2015

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija l-ewwel pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

Michael Cassar
Kummissarju tal-Pulizija

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex fil-perjodu matul ix-xhur minn Ottubru sa Diċembru, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
07.10.2014	Kartiera u dokumenti	Diane Falzon
07.10.2014	*Mobile phone*	Christian Debono
13.10.2014	Kartiera u flus	Ramona Mercieca
22.10.2014	*Mobile phone*	Jason Mifsud
28.10.2014	*Mobile phone*	Mary Jane Abela
28.10.2014	Flus	Mary Rose Scicluna
04.11.2014	Flus	Carmel Sultana

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
04.11.2014	*Crash helmet*	Raymond Galea
04.11.2014	*Digital Camera*	Ian Xuereb
04.11.2014	Portmoni u flus	Carmen Parnis
06.11.2014	*Mobile phone*	Paul Xerri
10.11.2014	Arloġġ tal-idejn tal-għaddasa	John Vella
10.11.2014	Flus	Geswalda Caruana
10.11.2014	Portmoni u flus	Rose Marie Zammit
13.11.2014	*Mobile phone*	Joseph Rapa
17.11.2014	*Mobile Phone*	Domenico Savio Bugeja
09.12.2014	Flus	Rev. Rosario Borg
10.12.2014	*Digital camera*	Fedele Zarb
15.12.2014	Portmoni u flus	Mary Agius
19.12.2014	Brazzuletta ta' metall isfar	John Attard
19.12.2014	Portmoni u flus	Rita Camilleri

Dan l-avviż iħassar dak ippublikat bl-istess titlu fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,364 tas-6 ta' Jannar, 2015.

This notice repeals the one with the same title published in Government Gazette No. 19,364 of the 6th January, 2015.

Is-16 ta' Jannar, 2015

16th January, 2015

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija t-tieni pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

Michael Cassar
Kummissarju tal-Pulizija

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta fil-perjodu matul ix-xhur minn Lulju sa Settembru, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
7/1/14	*Mobile Phone*	Michael Holt
7/1/14	Ċurkett	Johan Micallef
7/1/14	*Mobile Phone*	Shakyra Scerri
7/2/14	*Mobile Phone*	Joseph Apap
7/2/14	Basket bl-affarijiet	Pawel Zaniuk
7/7/14	Portmoni	Noel Maclang
7/11/14	*Mobile Phone*	Paul Grima
7/12/14	*Tablet*	Rudy Farrugia
7/12/14	*Mobile Phone*	Cliffton Sammut

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
7/13/14	Ċurkett	Eve Lynn Passmore
7/17/14	*Mobile Phone*	Antonio Berone
7/22/14	*Mobile Phone*	Lesley Parsons
7/22/14	Basket	Lesley Drury
7/22/14	*IPad*	Jason Mejlak
7/23/14	Karta tal-Flus	John Cordina
7/23/14	*Mobile Phone*	John Camilleri
7/25/14	*Mobile Phone*	Gaetano Vincenzo Gatt
8/1/14	Kartiera bil-minuti	Jonathan Falzon
8/1/14	*Laptop*	Eileen Friggieri
8/4/14	*Mobile Phone*	Mousa Sango
8/4/14	*Mobile Phone*	Nigel Attard
8/11/14	Ċurkett	Mark Busuttil
8/12/14	Ċurkett	Daniela Testa
8/18/14	*Mobile Phone*	Joe Quattromani
8/18/14	*Mobile Phone*	Salvatore Fenech
8/18/14	*Mobile Phone*	Pietro Barone
8/18/14	Kartiera/Flus	Maria Dolores Mangion
8/21/14	*Mobile Phone*	David Joseph Micallef
8/22/14	*Mobile Phone*	Grazielle Camilleri
8/25/14	*Mobile Phone*	Adrian Galea
8/27/14	*Mobile Phone*	Fabius Ciappara
8/27/14	Basket bl-affarijiet	Emmanuel Spiteri
9/2/14	Ċurkett	Tania Abela
9/4/14	Basket	Ray Joseph Portelli
9/4/14	Bagalja	Victoria Attard
9/17/14	*Mobile Phone*	Elaine Marie Siegler
9/17/14	Karta tal-Flus	Edward Calleja
9/19/14	Basket tal-Iskola	Pc322 R. Azzopard
9/22/14	*Mobile Phone*	Tessie Scerri
9/22/14	Basket	Trevor Mallia
9/22/14	Għodod	Carmel Vassallo
9/24/14	*Mobile Phone*	Mario Borg
9/30/14	*Ċurkett*	Jane Micallef
9/30/14	Kartiera bl-affarijiet	Oliver Caruana

Dan l-avviż iħassar dak ippublikat bl-istess titlu fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,365 tad-9 ta' Jannar, 2015.

This notice repeals the one with the same title published in Government Gazette No. 19,365 of the 9th January, 2015.

Is-16 ta' Jannar, 2015

16th January, 2015

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

Michael Cassar
Kummissarju tal-Pulizija

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta fil-perjodu matul ix-xhur minn Ottubru sa Diċembru, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
10/6/14	Portmoni tal-Ġilda	Sammy Mallia
10/6/14	*iPhone*	Deborah Janice Portelli
10/7/14	*Handbags* u ċviewet	Tania Muscat
10/9/14	Kartiera u Flus	Peter Albert Taylor
10/14/14	Portmoni u Flus	Massimo Lubrano
10/14/14	Katina	Patricia Caruana
10/16/14	*Mobile Phone*	Leanne Stellini
10/16/14	*Mobile Phone*	Roderick Borg
10/16/14	Flus	Sheila Edwards Nicoll
10/16/14	*Mobile Phone*	Julian Shannon
10/18/14	*Mobile Phone*	Carmel Saliba
10/22/14	*Mobile Phone*	Antonio Portelli
10/23/14	Arloġġ tal-Idejn	Carmel Piscopo
10/27/14	*iPad*	Leanne Mifsud
10/27/14	Kamera tar-Ritratti	Mario Raggio
11/4/14	*Power Tools*	Alfred Goodrum
11/4/14	Kartiera/Flus	Houssen Abdella
11/4/14	*Tablet*	Antionette Fenech
11/5/14	*Mobile Phone*	Deo Lia
11/7/14	*Mobile Phone*	Antonia Zahra
11/7/14	Brazzuletta	Marisa Mintoff
11/7/14	*Mobile Phone*	Clint Bonavia
11/13/14	*Mobile Phone*	Benjamin Pace
11/14/14	Portmoni/Flus	Laura Anna Zahra
11/21/14	*Mobile Phone*	Fabio Psaila
11/21/14	Kartiera/Flus	Francis Scerri
11/26/14	*Mobile Phone*	Marko Ivezic
11/26/14	Basket/*Mobile Phone*/logħba	Jean Palfrey
12/6/14	Nuċċali tax-Xemx/oħrajn	Stephen Micallef
12/9/14	*Mobile Phone*	Maria Palma Agius

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
12/10/14	*Mobile Phone*	Pauline Grixti
12/11/14	*Mobile Phone*	Cyinthia Haber
12/11/14	*Stereo* tal-karozza	Pc866 George Attard
12/11/14	*Mobile Phone*	Renald Vella
12/17/14	Kartiera	Norman Show
12/17/14	Basket tan-Nikon iswed	John Zammit
12/18/14	Flus	Raheem Hunter
12/19/14	*Handbags*	Maria Dolores Deguara
12/22/14	*Mobile Phone*	Kylie Gauci
12/23/14	Brazzuletta	Maria Aloysia Farrugia
12/26/14	Misluta	Maria Tanti
12/27/14	Kartiera/Flus	Mark Zammit
12/27/14	Flus tal-Karti	David Haber
12/28/14	Flus tal-Karti	Rose Borg
12/29/14	Flus tal-Karti	Miranda Fothergill
12/29/14	Ċurkett	Saviour Galea

Dan l-avviż iħassar dak ippublikat bl-istess titlu fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,365 tad-9 ta' Jannar, 2015.

Is-16 ta' Jannar, 2015

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 2 tal-2015

Veloċità ristretta qrib ħafna ta' Inġenji Żgħir, Inħawi ta' Rmiġġ u Marinas

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting* ta' Transport Malta, tfakkar lill-baħħara, dawk bid-dgħajjes u operaturi ta' bastimenti kummerċjali li l-Avviż lill-Baħħara Nru. 107 tal-2011 dejjem jibqa' validu u għalhekk jibqa' importanti li l-baħħara dejjem jgħaddu b'veloċità bla periklu skont iċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet u għandu jkun hemm l-akbar attenzjoni u veloċità baxxa meta jkunu qed joperaw u jimmanuvraw qrib inġenji żgħar, inħawi ta' rmiġġ u marinas. Il-baħħara għandhom ukoll jiftakru li hu importanti ħafna li dejjem għandhom joqogħdu attenti.

Dan li ġej għadu japplika:

1) Skont ir-Regolamenti dwar iċ-Ċentri tal-*Yachting* (SL499.10) il-limitu ta' veloċità ħdejn u f'mogħdijiet qrib ċentri tal-*yachting*, Marini u nħawi ta' rmiġġ m'għandux ikun aktar minn 3 *knots*;

This notice repeals the one with the same title published in Government Gazette No. 19,365 of the 9th January, 2015.

16th January, 2015

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 2 of 2015

Speed Restricted in Close Proximity to Small Craft, Mooring Areas and Marinas

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, reminds mariners, boaters and operators of commercial vessels That Notice to Mariners No 107 of 2011 does not have an expiry date and hence the importance of proceeding at a safe speed at all times subject to the prevailing circumstances and conditions and with extra caution and slow speed when operating and maneuvering in close proximity to small craft, mooring areas and Marinas still apply. Mariners are also reminded on the importance of keeping a proper lookout at all times.

The following still apply:

Quot. No. QMFA 008/2015. Provision for the environmentally friendly cleaning services and materials at the Ministry for Foreign Affairs as a limited period contract.

An electronic copy of the documents can be downloaded free of charge from the web site of the Ministry for Foreign Affairs: (www.foreignaffairs.gov.mt/tenders).

Proposals should be made only on the prescribed forms, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Procurement Unit by email: (procurement.mfa@gov.mt).

Late submission will not be considered.

16th January, 2015

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

MEPA Ref. Nru. T01/2015 – Sejħa għall-Offerti għall-Provvediment ta' Servizz ta' Assigurazzjoni dwar is-Saħħa, għall-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA)

L-għan ġenerali tal-kuntratt huwa l-provvediment ta' Servizzi ta' Assigurazzjoni dwar is-Saħħa għall-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA).

Il-preżentazzjoni tal-offerti għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Sezzjoni C – *Tender Preparation* (Paġna 7 tad-dokument tal-offerta) u l-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fuq il-post tal-MEPA fil-Furjana sal-Erbgħa, 4 ta' Frar, 2015 qabel l-10.00 a.m.

Kwalunkwe talba ta' kjarifika li tikkonċerna din is-sejħa għall-offerti għandha tiġi indirizzata lid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fuq l-*email* (tenders@mepa.org.mt) sa mhux aktar tard mill-4.00 p.m. tal-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, 2015.

Irid jitħallas dritt ta' parteċipazzjoni ta' €100.00 sabiex tiġi sottomessa l-offerta.

Is-sottomissjonijiet li jaslu tard jew mhux kompluti ma jiġux ikkunsidrati. Offerti li jiddevjaw mill-ispeċifikazzjonijiet jiġu annullati.

Is-16 ta' Jannar, 2015

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

MEPA Ref. No. T01/2015 – Service Tender for the Provision of Health Insurance Covers to the Malta Environment and Planning Authority

The overall objective of the contract is the provision of of Health Insurance Covers for the Malta Environment and Planning Authority.

The presentation of the tenders should satisfy the conditions mentioned in Section C – Tender Preparation (Page 7 of the Tender Document) and deposited in the tender box at the MEPA premises in Floriana by Wednesday, 4th February, 2015 before 10.00 a.m.

Any requests for clarifications concerning this call for tenders should be addressed to the Director of Corporate Services on email (tenders@mepa.org.mt) by not later than Friday, 23rd January, 2015 before 4.00 p.m.

A participation fee of €100.00 needs to be paid in order to submit an offer.

Late or incomplete submissions will not be considered. Diversion from the specification will render the offer null and void.

16th January, 2015

IT-TAQSIMA DWAR L-IPPROGRAMMAR GĦALL-FONDI TAL-UE
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-MANIFEST ELETTORALI

It-Taqsima dwar l-Ipprogrammar għall-Fondi tal-UE fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u għall-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali tavża illi offerti elettroniċi rigward dan l-avviż jintlaqgħu sal-Erbgħa, 11 ta' Frar 2015 sad-9.30 a.m. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq: (http://www.etenders.gov.mt).

Avviż Nru. MEAIM/002/2015. Kummissjonar ta' Studju fis-Suq dwar l-Eżistenza Potenzjali ta' Fallimenti tas-Suq f'Malta.

Is-16 ta' Jannar, 2015

EU FUNDS
PROGRAMMING UNIT
MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS AND IMPLEMENTATION OF THE ELECTORAL MANIFESTO

The EU Funds Programming Unit within the Ministry for EU Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received up to Wednesday, 11th February 2015 at 9.30 a.m. Tenders are to be submitted online ONLY on: (http://www.etenders.gov.mt).

Advt. No. MEAIM/002/2015. Commissioning of a Market Study on the Potential Existence of Market Failures in Malta.

16th January 2015

Programm Operattiv I u II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Avviż parzjalment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR),
Fond Soċjali Ewropew (FSE) u Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE (70% FEŻR, 30% ESF); 15% Fondi Nazzjonali

Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I and II – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competiveness for a Better Quality of Life
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Advert part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF), and European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds (70% ERDF, 30% ESF); 15% National Funds

Investing in your future

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Residenza San Vinċenz de Paul, Ħal Luqa

It-Taqsima tal-*Procurement*, Residenza San Vinċenz de Paul fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali tgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 11 ta' Frar, 2015. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

Avviż Nru. SVP798. Provvista ta' dwal LED, fis-Swali San Franġisk 3 u 4, Residenza San Vinċenz de Paul, Ħal Luqa.

MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

St Vincent de Paul Residence, Ħal Luqa

The Procurement Section, Saint Vincent De Paul Residence within the Ministry for the Family and Social Solidarity notifies that:

Electronic bids in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. on Friday 11th February 2015. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

Advt. No. SVP798. Supply of LED luminaires, Saint Francis Wards 3 and 4, Saint Vincent De Paul Residence. Ħal Luqa.

Id-dokumenti ta' din l-offerta jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System*: (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal- offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-16 ta' Jannar, 2015

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 21 ta' Jannar, 2015. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CFQ Q 53743. Limitu estiż għall-kiri ta' *airconditioning units*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, 2015. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5155/15. *Zuclopenthixol acetate 50mg oily injections*
CFQ 5156/15. *Burrs Midas Rex/Legend 14cm, 5mm Ball Diamond*
CFQ 5157/15. *Phenytoin Sodium Mixture 30mg/5ml*
CFQ 5158/15. *Metronidazole 500mg suppositories*
CFQ 5159/15. *Clarithromycin 125mg/5ml suspension*
CFQ 5160/15. *Pyrimethamine + sulphadoxine tablets*
CFQ 5161/15. *Itraconazole solution*
CFQ 5162/15. *Nitrofurantoin oral suspension*
CFQ 5163/15. *Carbidopa 12.5mg and Levodopa 50mg tablets*
CFQ 5164/15. *Mianserin 10mg tablets*
CFQ 5165/15. *Chemotherapy Spillage Kits*
CFQ 5167/15. *Reusable 3m Long cables*
CFQ 5168/15. *Baclofen 10mg tablets*
CFQ 5169/15. *Baclofen 25mg tablets*
CFQ 5170/15. *Microadson Fixation forceps*
CFQ 5172/15. *Sulphur Hexafluoride 8microlitres/ml powder and solvent for dispersion for injection.*

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

16th January, 2015

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Energy and Health) notifies that:-

Electronic quotations in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Wednesday, 21st January, 2015. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ Q 53743. Extended threshold for the rental of air conditioning units

These quotation documents are free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 23rd January, 2015. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5155/15. Zuclopenthixol acetate 50mg oily injections
CFQ 5156/15. Burrs Midas Rex/Legend 14cm, 5mm Ball Diamond
CFQ 5157/15. Phenytoin Sodium Mixture 30mg/5ml
CFQ 5158/15. Metronidazole 500mg suppositories
CFQ 5159/15. Clarithromycin 125mg/5ml suspension
CFQ 5160/15. Pyrimethamine + sulphadoxine tablets
CFQ 5161/15. Itraconazole solution
CFQ 5162/15. Nitrofurantoin oral suspension
CFQ 5163/15. Carbidopa 12.5mg and Levodopa 50mg tablets
CFQ 5164/15. Mianserin 10mg tablets
CFQ 5165/15. Chemotherapy Spillage Kits
CFQ 5167/15. Reusable 3m Long cables
CFQ 5168/15. Baclofen 10mg tablets
CFQ 5169/15. Baclofen 25mg tablets
CFQ 5170/15. Microadson Fixation forceps
CFQ 5172/15. Sulphur Hexafluoride 8microlitres/ml powder and solvent for dispersion for injection.

CFQ 5173/15. *Guide Wire for Synthes cannulated system - dia. 2mm threaded*

CFQ 5174/15. *Surgical Adhesive Drapes sz. 150cm x 240cm*

CFQ 5175/15. *Surgical Adhesive Drapes sz. 150cm x 100cm*

CFQ 5176/15. *Surgical Adhesive Drapes sz. 160cm x 175cm*

CFQ 5177/15. *Cyclophosphamide 50mg tablets*

CFQ 5178/15. *Reveal Link*

CFQ 5179/15. *Bleed - Back control valve*

CFQ 5180/15. *5FR/6FR Flow directed pacing cables*

CFQ 5181/15. *Amplatz guidewire 260cm*

CFQ 5182/15. *Soloist + Cables*

CFQ 5183/15. *Medtronik Temporary Boxes Connecting*

CFQ 5184/15. *4/5/FR rsdial diagnostic caths*

CFQ 5185/15. *ECG lead St.Jude Medical*

CFQ 5186/15. *Very small single chamber pacemaker*

CFQ 5187/15. *Snares (Retriever Sets)*

CFQ 5188/15. *Pre washed gauze swabs 30cm x 30cm*

CFQ 5189/15. *pf Implantable Loop Recorder*

CFQ 5190/15. *CV3 suture*

CFQ 5191/15. *Codeine Phosphate 30mg tablets*

CFQ 5192/15. *Sodium Valproate 100mg Crushable tablets*

CFQ 5193/15. *Diclofenac Sodium 75mg Injections*

CFQ 5194/15. *Ethosuximide 250mg capsules*

CFQ 5195/15. *Donepezil Hydrochloride10mg tablets*

CFQ 5196/15. *Donepezil Hydrochloride 5mg tablets*

CFQ 5197/15. *Levothyroxine 0.25mg tablets*

CFQ 5198/15. *Medium Semi-Disposable Thorax sensor for Ambulatory Sleep Lab*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 30 ta' Jannar, 2015. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5166/15. *Nasopharyngeal Airways,Size 7*

CFQ 5171/15. *Orthodontic Stainless Steel Archwires*

CFQ 5199/15. *Flavour Sachets*

CFQ 5200/15. *Hot Start Taq DNA Polymerase*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu talbiet elettroniċi għall-parteċipazzjoni rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2015. It-talbiet għall-parteċipazzjoni għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

RFP 007-2014. Provvista ta' prodotti mingħajr glutina għal pazjenti li jbatu minn mard fl-imsaren.

CFQ 5173/15. Guide Wire for Synthes cannulated system - dia. 2mm threaded

CFQ 5174/15. Surgical Adhesive Drapes sz. 150cm x 240cm

CFQ 5175/15. Surgical Adhesive Drapes sz. 150cm x 100cm

CFQ 5176/15. Surgical Adhesive Drapes sz. 160cm x 175cm

CFQ 5177/15. Cyclophosphamide 50mg tablets

CFQ 5178/15. Reveal Link

CFQ 5179/15. Bleed - Back control valve

CFQ 5180/15. 5FR/6FR Flow directed pacing cables

CFQ 5181/15. Amplatz guidewire 260cm

CFQ 5182/15. Soloist + Cables

CFQ 5183/15. Medtronik Temporary Boxes Connecting

CFQ 5184/15. 4/5/FR rsdial diagnostic caths

CFQ 5185/15. ECG lead St.Jude Medical

CFQ 5186/15. Very small single chamber pacemaker

CFQ 5187/15. Snares (Retriever Sets)

CFQ 5188/15. Pre washed gauze swabs 30cm x 30cm

CFQ 5189/15. pf Implantable Loop Recorder

CFQ 5190/15. CV3 suture

CFQ 5191/15. Codeine Phosphate 30mg tablets

CFQ 5192/15. Sodium Valproate 100mg Crushable tablets

CFQ 5193/15. Diclofenac Sodium 75mg Injections

CFQ 5194/15. Ethosuximide 250mg capsules

CFQ 5195/15. Donepezil Hydrochloride10mg tablets

CFQ 5196/15. Donepezil Hydrochloride 5mg tablets

CFQ 5197/15. Levothyroxine 0.25mg tablets

CFQ 5198/15. Medium Semi-Disposable Thorax sensor for Ambulatory Sleep Lab

These quotation documents are free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 30th January, 2015. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5166/15. Nasopharyngeal Airways,Size 7

CFQ 5171/15. Orthodontic Stainless Steel Archwires

CFQ 5199/15. Flavour Sachets

CFQ 5200/15. Hot Start Taq DNA Polymerase

These quotation documents are free of charge.

Electronic requests for participation in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 6th February, 2015. Requests for participation are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

RFP 007-2014. Provision of gluten free products to coeliac patients.

Id-dokumenti ta' din il-talba għall-parteċipazzjoni jinkisbu bla ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 16 ta' Frar, 2015. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-bażi ta' kuntratt għall-provvista ta':

CfT 3020/15 *Polyhexamethylene biguanide and betaine wound cleansing solution*
CfT 3021/15. *Disinfectant/descaler for kidney machines*
CfT 3022/15. *Medroxyprogesterone acetate 100mg tablets*
CfT 3023/15. *Complete Nutritional Balanced Drink*
CfT 3024/15. *EBV Test Kits with Equipment on Loan*
CfT 3025/15. *Maxillo facial screws and plates 1.7 mm*
CfT 3026/15. *2 Way 100% Silicone Catheters 10 - 15ml Sizes 12CH, 14CH, 16CH, 18CH, 20CH, 22CH AND 24CH*
CfT 3027/15. *Buspirone 10mg tablets*
CfT 3028/15. *Nortriptyline 25mg tablets*
CfT 3029/15. *Lanthanum 750mg chewable tablets*
CfT 3030/15. *Methotrexate 2.5mg tablets*
CfT 3031/15. *Raltitrexed 2mg vials*
CfT 3032/15. *Cleaning Sanitising Wipes 20 x 25cms*
CfT 3033/15. *Oral Rehydration Powder*
CfT 3034/15. *Masks Aerosol Paediatric*
CfT 3035/15. *Sterile Intravenous Cannula, G24X 19MM*
CfT 3036/15. *Ethilon 10/0 Sutures*
CfT 3037/15. *DHS Screws*
CfT 3038/15. *Q.A.P. for Lipids and Urinalysis*
CfT 3039/15. *Pimozide 4mg tablets*

Id-dokumenti ta' din l-offerta jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-10.30 a.m. tal-Ġimgħa, 20 ta' Frar, 2015. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CPSU/CPU/1007/15. Provvista u konsenja ta' ġagagi *disposable*

Id-dokumenti ta' dawn l-offerti jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet/offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System*: (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mis-Sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet/offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-16 ta' Jannar, 2015

The documents for this partecipation of interests are free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Monday, 16th February, 2015. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the framework contract for the supply of:

CfT 3020/15 Polyhexamethylene biguanide and betaine wound cleansing solution
CfT 3021/15. Disinfectant/descaler for kidney machines
CfT 3022/15. Medroxyprogesterone acetate 100mg tablets
CfT 3023/15. Complete Nutritional Balanced Drink
CfT 3024/15. EBV Test Kits with Equipment on Loan
CfT 3025/15. Maxillo facial screws and plates 1.7 mm
CfT 3026/15. 2 Way 100% Silicone Catheters 10 - 15ml Sizes 12CH, 14CH, 16CH, 18CH, 20CH, 22CH AND 24CH
CfT 3027/15. Buspirone 10mg tablets
CfT 3028/15. Nortriptyline 25mg tablets
CfT 3029/15. Lanthanum 750mg chewable tablets
CfT 3030/15. Methotrexate 2.5mg tablets
CfT 3031/15. Raltitrexed 2mg vials
CfT 3032/15. Cleaning Sanitising Wipes 20 x 25cms
CfT 3033/15. Oral Rehydration Powder
CfT 3034/15. Masks Aerosol Paediatric
CfT 3035/15. Sterile Intravenous Cannula, G24X 19MM
CfT 3036/15. Ethilon 10/0 Sutures
CfT 3037/15. DHS Screws
CfT 3038/15. Q.A.P. for Lipids and Urinalysis
CfT 3039/15. Pimozide 4mg tablets

These tender documents are free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 10.30 a.m. of Friday, 20th February, 2015. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CPSU/CPU/1007/15. Supply and delivery of disposable gowns

These tender documents are free of charge.

Quotation/tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations/tender at the times and dates specified above.

16th January, 2015

KUNSILL LOKALI IL-BELT VALLETTA

Offerta għall-Provvediment ta' Servizzi ta' *Accountant* Kwalifikat lill-Kunsill Lokali Il-Belt Valletta

Il-Kunsill Lokali Il-Belt Valletta jgħarraf li:

Offerti magħluqin immarkati "VLC/T01/2015 - Tender for the provision of Services of a qualified accountant for the Valletta Local Council" indirizzat lis-Segretarju Eżekuttiv - Kunsill Lokali Il-Belt Valletta jintefgħu fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali Il-Belt Valletta f'31, Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta sa nofsinhar sat-Tnejn 16 ta' Frar 2015 għal:

VLC/T01/2015. Provvediment ta' Servizzi ta' *Accountant* Kwalifikat lill-Kunsill Lokali Il-Belt Valletta.

Għandu jitħallas dritt ta' €75 ma' kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anki l-aktar waħda vantaġġuża. aktar dettalji jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Is-Sa Gabriella Agius fuq 2123 4141.

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati

Is-16 ta' Jannar, 2015

VALLETTA LOCAL COUNCIL

Tender for the Provision of Services of a Qualified Accountant for the Valletta Local Council

The Valletta Local Council notifies that:

Sealed Tenders marked "VLC/T01/2015 - Tender for the provision of Services of a qualified accountant for the Valletta Local Council" addressed to the Executive Secretary – Valletta Local Council must be deposited at the Local Council's offices at 31, Triq Nofsinhar, Valletta by noon of Monday 16th February 2015 for:

VLC/T01/2015. Provision of services of a qualified accountant for the Valletta Local Council.

A fee of €75 will be charged for every copy of the tender document.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer. Further details are obtained from the Executive Secretary, Ms Gabriella Agius on 2123 4141.

Late submissions will not be considered.

16th January, 2015

KUNSILL LOKALI IL-BELT VALLETTA

Offerta għad-Disinn, Produzzjoni, Provvista u Installazzjoni ta' Xogħlijiet ta' ħadid galvanizzat f'*Peacock Gardens*

Il-Kunsill Lokali Il-Belt Valletta jgħarraf li:

Offerti magħluqin immarkati "VLC/T02/2015 - Tender for the Design, Production, Supply and Installation of Galvanised Steelworks at the Peacock Gardens" indirizzat lis-Segretarju Eżekuttiv - Kunsill Lokali Il-Belt Valletta jintefgħu fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali Il-Belt Valletta f'31, Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta sa nofsinhar sat-Tnejn 16 ta' Frar 2015 għal:

VLC/T01/2015. Disinn, produzzjoni, provvista u installazzjoni ta' xogħlijiet ta' ħadid galvanizzat f'*Peacock Gardens*.

Għandu jitħallas dritt ta' €75 ma' kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anki l-aktar waħda vantaġġuża. aktar dettalji jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Is-Sa Gabriella Agius fuq 2123 4141.

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Is-16 ta' Jannar, 2015

VALLETTA LOCAL COUNCIL

Tender for the Design, Production, Supply and Installation of Galvanised Steelworks at the Peacock Gardens

The Valletta Local Council notifies that:

Sealed tenders marked "VLC/T02/2015 - Tender for the Design, Production, Supply and Installation of Galvanised Steelworks at the Peacock Gardens" addressed to the Executive Secretary – Valletta Local Council must be deposited at the Local Council's offices at 31, Triq Nofsinhar, Valletta by noon of Monday 16th February 2015.

VLC/T02/2015. Design, production, supply and installation of galvanised steelworks at Peacock Gardens.

A fee of €75 will be charged for every copy of the quotation document.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer. Further details are obtained from the Executive Secretary, Ms Gabriella Agius on 2123 4141.

Late submissions will not be considered.

16th January, 2015

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar, 2015, fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. FTN/Q/1/2015. Servizz ta' *accountant*.

Għandu jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jingabru mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mis-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru tat-telefon tal-Kunsill Lokali 2155 8877.

Is-16 ta' Jannar, 2015

FONTANA LOCAL COUNCIL

The Fontana Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received in the tender box at the Council's Administrative Office up to noon of Friday, 20th February, 2015, for:

Quot. No. FNT/Q/1/2015. Service of an accountant.

A fee of €20.00 is to be paid for each copy of quotation document.

Quotation documents can be collected from the Local Council's office during office hours.

The Council reserves the right to refuse all quotations, even the most advantageous.

Further details can be obtained by contacting the Executive Secretary on the Local Council telephone number 2155 8877.

16th January, 2015

ASSOĊJAZZJONI GVERN LOKALI

L-Assoċjazzjoni Gvern Lokali tgħarraf lil min hu interessat u kkwalifikat illi:

Sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 16 ta' Frar, 2015, fl-Uffiċċju tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, Bini tal-Gvern Lokali, Triq il-Gvern Lokali, Qasam Industrijali tal-Marsa, Il-Marsa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. LGA/01/2015. *Lodging*, *catering* u faċilitajiet ta' konferenza għall-implimentazzjoni tal-proġett Reġjuni Ewropej għall-Inklużjoni Soċjali.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jitniżżlu mill-*website* tal-Assoċjazzjoni: (www.lca.org.mt). L-Assoċjazzjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Is-16 ta' Jannar, 2015

LOCAL GOVERNMENT ASSOCIATION

The Local Government Association notifies interested and qualified parties that:

Sealed tenders will be received at the office of the Local Government Association, Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa Industrial Estate, Marsa, up to 10.00 a.m. of Monday, 16th February, 2015, for:

Advt. No. LGA/01/2015. Lodging, catering and conference facilities for the implementation of the project European Regions for Social Inclusion.

The tender documents may be downloaded from the LGA website: (www.lca.org.mt). The Association reserves the right not to accept even the most advantageous offer.

16th January, 2015

KUNSILL LOKALI IS-SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tal-Erbgħa, it-18 ta' Frar, 2015, fil-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi, Ċentru Ċiviku Is-Siġġiewi, 18, Pjazza San Nikola, Siġġiewi, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. LCS18/14. Kisi mill-ġdid ta' toroq.

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received in Siġġiewi Local Council, Siġġiewi Civic Centre, 18, Pjazza San Nikola, Siġġiewi, up to noon of Wednesday, 18th February, 2015, for:

Advt. No. LCS18/14. Resurfacing of roads.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi, Ċentru Ċiviku Is-Siġġiewi, 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża. Offerti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-16 ta' Jannar, 2015

A fee of €50 is to be charged for each copy of tender document.

Tender documents can be obtained from the Siġġiewi Local Council's office, Siġġiewi Civic Centre, 18, Pjazza San Nikola, Siġġiewi, during office hours, from Monday to Friday, between 8.00 a.m. and noon.

The Local Council reserves the right not to accept even the most advantageous offer. Late tenders will not be accepted.

16th January, 2015

AVVIŻI TAL-QORTI - *COURT NOTICES*

82

B'digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2014, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet, Louis Apap Bologna et vs Alexander Borg Caruana, Rikors Ġuramentat numru 1181/10 MCH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat Alexander Borg Caruana a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Louis Apap Bologna (KI Numru 701544M) u Bernardette Apap Bologna (KI 159251M) vs Alexander Borg Caruana (KI 351929M), fl-1 ta' Marzu, 2013, ir-rikorrenti Louis Apap Bologna u Bernardette Apap Bologna, karti tal-identità rispettivament numri 701544M u 159251M esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Novembru, 2010, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ir-rikorrenti appellanti ippermettew is-segwenti:

1. Illi b'kuntratt tat-2 ta' Marzu, 1979, fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona, omm ir-rikorrenti Wilfreda, armla tal-Professur Dr Filippo Apap Bologna, kienet ikkonċediet b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil Alexander Borg Caruana, il-fond numru 2, Telgħet Birkirkara, San Ġiljan, għal perjodu ta' wieħed u għoxrin sena mid-data tal-kuntratt.

2. Illi fit-2 ta' Marzu, tas-sena 2000, l-imsemmi ċens temporanju għalaq, u għalhekk fl-4 ta' Marzu, 2000, l-istess Wilfreda Apap Bologna għamlet ftehim ta' lokazzjoni tal-fond in kwistjoni mal-intimat Alexander Borg Caruana.

3. Illi r-rikorrenti Louis Apap Bologna wiret l-imsemmi proprjetà mingħand ommu Wilfreda Apap Bologna, li mietet fis-26 ta' Novembru, 2003, Bernardette Apap Bologna li tiġi

By means of a decree given on the 9th October, 2014, by the Court of Appeal, in the records of the Appeal Application, in the names Louis Apap Bologna et vs Alexander Borg Caruana, Sworn Application number 1181/10 MCH, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Alexander Borg Caruana in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of an Appeal Application in the Court of Appeal, in the names Louis Apap Bologna (ID Number 701544M) and Bernardette Apap Bologna (ID 159251M) vs Alexander Borg Caruana (ID 351929M), on the 1st March, 2013, the applicant Louis Apap Bologna and Bernardette Apap Bologna, identity card numbers 701544M and 159251M respectively, respectfully pleaded:

That by means of a sworn application filed on the 15th November, 2010, before the First Hall Civil Court, the applicant appellants premised the following:

1. That by means of a contract of the 2nd March, 1979, in the records of Notary Alexander Sceberras Trigona, the applicant's mother Wilfreda, widow of Professor Dr Filippo Apap Bologna, had granted by title of temporary emphyteusis to Alexander Borg Caruana, the premises number 2, Telgħet Birkirkara, Saint Julians, for a period of twenty one years from the date of the contract.

2. That on the 2nd March, of the year 2000, the said temporary groundrent lapsed, and thus on the 4th March, 2000, the same Wilfreda Apap Bologna made a lease agreement of the premises in question with the respondent Alexander Borg Caruana.

3. That the applicant Louis Apap Bologna inherited the said property from Wilfreda Apap Bologna, who died on the 26th November, 2003, Bernardette Apap Bologna who is the

mart l-istess Louis, u bejniethom hemm il-komunjoni tal-akkwisti.

4. Illi fit-2 ta' Settembru, 2010, kien hemm ħruq fejn il-proprjetà in kwistjoni ġiet distrutta u reża inabitabbli.

5. Illi għalhekk, ir-rikorrenti sofra danni sostanzjali minħabba dan l-inċident, u skont il-liġi l-intimat huwa responsabbli għad-danni.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti appellanti talbu lil dik l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli bħala kerrej għal ħsara li ġarrab is-sid.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-sid okkorrendo bl-assistenza ta' perit nominand.

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrent fiż-żmien mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, flimkien mal-imgħax mid-data ta' dan ir-rikors.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża.

Illi l-intimat appellat Alexander Borg Caruana ippreżenta r-risposta ġuramentata.

Preliminarjament, l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ratione materiae ai termini tal-Artikolu 1525 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom jippruvaw li huma l-uniċi proprjetarji tal-fond mikri lill-konvenut.

Fil-meritu u bla preġudizzju għal premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li n-nirien li seħħew fil-fond mikri lill-eċċipjenti ġraw mingħajr ħtija tiegħu.

L-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Salv eċċeżżjonijiet oħra.

Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet premessi, fil-11 ta' Frar, 2013, dik il-Qorti kkunsidrat u ddeċidiet billi:

'Eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti'.

Il-konvenut ressaq eċċezzjoni tal-inkompetenza a bażi tal-Artikolu 1525 tal-Kap. 16. Dan l-Artikolu jgħid illi l-

wife of the same Louis, and between them there exists the community of acquests.

4. That on the 2nd September, 2010, there was a fire where the property in question was destroyed and rendered uninhabitable.

5. That thus, the applicant suffered substantial damages due to this incident, and according to law the respondent is responsible for damages.

Thus, the applicant appellants asked that Honourable Court:

1. To declare that the respondent is answerable as lessee for the damage suffered by the applicant.

2. To liquidate the damages so suffered by the owner if necessary with the assistance of a referee to be appointed.

3. Condemn the respondent to pay the damages so liquidated to the applicant within the time given by this Honourable Court, together with interest from the date of this application.

With costs of this cause.

That the respondent Alexander Borg Caruana filed the sworn reply.

In the first place, the incompetence of this Honourable Court ratione materiae in terms of Article 1525 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In the first place also and without prejudice to the premised, the plaintiffs are to prove that they are the sole owners of the premises leased to the defendant.

On the merit and without prejudice to the premised, the plaintiff's demands are unfounded infact and at law since the fires that occurred in the premises leased to the appellant took place without his fault.

The plaintiff's action should be rejected with costs against the plaintiffs.

Saving further pleas.

That by means of a judgement given by this Honourable First Hall Civil Court, in the names premised, on the 11th February, 2013, this Court considered and decided by:

'Plea regarding the lack of competence of this Court'.

The defendant raised the plea of incompetence on the basis of Article 1525 of Cap. 16. This Article states that

Bord tal-Kera għandu l-kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kull kwistjoni relatata ma' kuntratt ta' kera ta' fond urban, djar u fondi kummerċjali.

.....omissis.....

Il-Qorti hi tal-fehma illi il-Bord tal-Kera ingħata poteri u fakoltajiet estensivi bl-emendi tal-2009, però essendo Tribunal Speċjali, il-kwistjonijiet li jista' jieħu konjizzjoni tagħhom iridu jkunu tali li jaqgħu espliċitament minn dak li jrid il-Kodiċi Ċivili u l-Artikoli tal-Kap. 69 li jirregola l-kirjiet ta' fondi urbani ta' abitazzjoni u dawk kummerċjali. Dak li ma joħroġx mill-artikoli relevanti tal-liġijiet imsemmija jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ordinarja.

Din il-kawża però tirrigwarda obbligu tal-inkwilin dwar il-kura u l-kustodja tal-fond lilu mikri u l-konsegwenzi emanenti minn ħsara li tiġri bi ħruq kif inhi regolata bl-Artikolu 1562 tal-Kap. 16 li jgħid li l-kerrej iwieġeb għal ħsara li tiġri bi ħruq sakemm ma jippruvax li l-ħsara ma ratx bi ħtija tiegħu, jew jipprova li seħħet b'aċċident jew forza maġġuri. Dan l-Artikolu ilu eżistenti u ma ġiex mittiefes bl-emendi tal-2009.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri, fl-ismijiet, PL John Privitera noe vs Josephine Camilleri (16/07/2012), li kkonfermat sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fuq il-kwistjoni tal-kompetenza riżultanti mill-introduzzjoni tal-Artikolu 1525 (1) fil-Kap. 16 fejn ingħad:

Illi la darba din titratta l-liġi speċjali li qed takkorda kompetenza esklussiva ta' ċertu tip ta' kawżi, u cioè dawk dwar kuntratti ta' kera tal-fondi ndikati lill-Bord li Jirregola l-Kera, tali Liġi tipprevali fuq il-Liġi li tirregola l-kompetenza tal-Qrati Ordinarji.

Illi f'dan il-każ, il-liġi hija ċara u ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni, u dan aktar u iktar in vista ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 39 (5) tal-Att X tal-2009.

.....omissis.....

Għalkemm l-Artikolu 1531 L li daħal fis-seħħ f'Jannar 2010, jgħid li kirjiet li daħlu fis-seħħ wara Ġunju 1995, għandhom jibqgħu regolati bil-kondizzjonijiet u pattijiet miftehma bejn il-partijiet u bil-liġi kif kienet fis-seħħ f'dan iż-żmien ma jfissirx illi l-kwistjoni għandha tibqa' regolata proċeduralment kif kienet regolata qabel l-emendi, iżda l-ħsieb wara l-kliem 'u tal-liġi kif kienet fis-seħħ f'dan iż-żmien' qed tirreferi għal liġi sostantiva. Kwantu għal proċedura, cioè l-kompetenza, din hi kwistjoni proċedurali u ta' ordni pubbliku, u għalhekk trid tiġi segwita.

the Rent Regulation Board has the exclusive competence to decide every dispute related with the lease of an urban tenement, houses and commercial premises.

.....omissis.....

The Court is of the opinion that the Rent Regulation Board was given powers and extensive faculties by the amendments of 2009, however being a Special Tribunal the disputes of which it can taken cognisance have to be such that they explicitly fall within that required by the Civil Code and the Articles of Cap. 69 which regulate the leases of urban tenements of habitation and commercial ones. Those which are not regulated by the relevant articles of the laws mentioned fall within the competence of the ordinary Courts.

This cause however relates to the duty of the lessee regarding the care and custody of the premises leased to him and the consequences resulting from damage which occurs due to fire as regulated by Article 1562 of Cap. 16 which states that the lessee answers for the damage which occurs due to fire till he does not prove that the damage did not occur due to his fault, or prove that it took place by accident or force majeure. This Article has long existed and it was not affected by the amendments of 2009.

The Court refers to the judgement of the Court of Inferior Appeal, in the names, PL John Privitera noe vs Josephine Camilleri (16/07/2012), which confirmed the judgement of the Small Claims Tribunal. This Court refers to that stated by the Court of Appeal on the matter of competence resulting from the introduction of Article 1525 (1) of Cap. 16 whereby it was stated:

That once this relates to a special law which is granting exclusive competence of a certain type of causes, and namely those relating to contracts of rent of the premises indicated to the Rent Regulation Board, the said Law prevails on the Law which regulated the competence of the Ordinary Courts.

That in this case the law is clear and there is no room for interpretation, and this more so in view of that provided in Article 39 (5) of Act X of 2009.

.....omissis.....

Although Article 1531 L which states that the leases which came into force after June 1995, should remain regulated by the conditions and pacts agreed between the parties and by law as it was in force at this time, this does not means that the dispute should remain regulated procedurally as it was regulated before the amendments, but the scope behind the words 'and of the law as it was in force at this time' is referring to the substantive law. As for the procedure namely the competence, this is a procedural matter and of public order, and has thus to be followed.

F'dan il-każ jidher ċar illi l-kwistjoni hi waħda relatata direttament mal-kirja u l-kompetenza mhix tal-Qorti Ċivili iżda tal-Bord tal-Kera.

Decide

Għalhekk, il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti, u kwindi tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. Bl-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.

Illi r-rikorrenti appellanti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza, u għalhekk qegħdin umilment jippreżentaw dan l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji tagħhom huma ċari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, rigward il-kompetenza tagħha, liema deċiżjoni hija bbażata fuq il-fatt li kien hemm kuntratt ta' kera eżistenti bejn il-partijiet, u li b'hekk iddeċidiet illi 'l-kwistjoni hi waħda relatata direttament mal-kirja u l-kompetenza mhix tal-Qorti Ċivili iżda tal-Bord tal-Kera', u għalhekk, din l-Onorabbli Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni illi l-azzjoni istitwita mir-rikorrenti appellanti hija azzjoni ta' danni li mhijiex inċidentali għall-kuntratt ta' kera, u fil-fatt hija azzjoni akwiljana fejn l-għemil li kkawża l-ħsara huwa awtonomu mir-rabta kuntrattwali.

.....omissis.....

Id-distinzjoni bejn ħtija kontrattwali jew akwiljana ġiet spjegata fis-sentenza fl-ismijiet 'Vassallo vs Mizzi et', deċiża fid-9 ta' April, 1989, u għadha tiġi applikata sal-lum.

Fil-kawża appellata ma hemmx obbligazzjoni li titnissel mill-kuntratt ta' lokazzjoni...omissis....fil-fatt fil-każ in eżami ma hemmx obbligazzjoni kuntrattwali pre-eżistenti li jorbot lill-inkwilin li jrid iħallas ħsarat fil-każ ta' ħruq. Fil-fatt, id-danni subiti mhumiex konnessi mal-kuntratt ta' kiri iżda huma danni akwiljani jew danni extra-kuntrattwali.

Illi fis-sentenza ċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza appellata, cioè 'Christopher Gatt vs Daniel Doneo', deċiża fit-28 ta' Marzu, 2011, ingħad illi 'Il-Bord tal-Kera bl-emendi li saru fl-2009, amplifikawlu l-poteri tiegħu .... omissis...', però din il-Qorti hi tal-fehma li l-Bord tal-Kera xorta jibqa' tribunal speċjali b'poteri li jridu jintużaw entro l-limiti ta' dak li tgħid il-liġi. Kwistjonijiet illi ma jaqgħux entro l-provvedimenti tal-liġi li jirregolaw il-kiri jridu per forza jaqgħu fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji. Ma hemm ebda artikolu tal-Liġijiet tal-Kera li jestendi l-poteri tal-Bord tal-Kera biex jiddeċiedi fuq kweżit simili, liema kweżit għalhekk iridu jiġu investigati mill-Qorti Ordinarja.

In this case it appears clear that the matter is one related directly to the lease and the competence is not of the Civil Court but of the Rent Regulation Board.

Decide

Thus, the Court is upholding the plea of the defendant regarding the competence of this Court, and thus free the defendant from the observance of the judgement. With costs to be paid by the plaintiffs.

That the applicant appellants felt aggrieved by the said judgement, and are thus humbly filing this Appeal before this Honourable Court.

That their grievances are clear and manifest and consist in the following:

That the decision of the First Hall Civil Court, regarding its competence, which decision is based on the fact that there existed a lease agreement existing between the parties, and thus it decided that 'the dispute is one related directly with the lease and the competence is not that of the Civil Court but of the Rent Regulation Board', and thus this Honourable Court did not take into consideration that the cause instituted by the applicant appellants is a cause for damages which is not incidental to the contract of lease, and in fact is an action in tort where the act which caused the damage is autonomous from the contractual bond.

.....omissis.....

The distinction between contractual responsibility or responsibility in tort was explained in the judgement in the names 'Vassallo vs Mizzi et', decided on the 9th April, 1989, and is still applied to this day.

In the cause appealed there is no obligation emerges from the lease agreement...omissis...in fact in the cause under examination there is no existing pre-contractual obligation which binds the lessee to pay for the damages in case of fire. Infact, the damages suffered are not related with the lease agreement but are damages in tort or extra-contractual damages.

That in the judgement mentioned by the First Hall Civil Court, namely, 'Christopher Gatt vs Daniel Doneo', decided on the 28th March, 2011, it is stated 'That the Rent Regulation Board, by means of the amendments which took place in 2009, enlarged its powers...omissis...', but this Court is of the opinion that the Rent Regulation Board is still a special tribunal with powers which have to be used within the limits of that stated by the law. Matters which do not fall within the provisions of the law which regulate leases have to fall by force within the competence of the Ordinary Courts. There is no article of the Lease Laws which extends the powers of the Rent Regulation Board to decide on a similar claim, which claim thus has to be investigated by the Ordinary Court.

Kif ġa spjegat, il-kawża kif impostata mhix tattakka xi dritt jew obbligu naxxenti mill-kirja, iżda hija talba għad-danni sofferti mir-rikorrenti appellanti fil-fond mikri proprjetà tagħhom.

.....omissis.....

Għalhekk, l-eżistenza tal-kuntratt tal-kera tikkondizzjona biss l-oneru tal-prova, imma l-azzjoni mhijiex inċidentali għall-kuntratt imma distinta u separata minnu. L-azzjoni li ġiet intavolata hija dik għad-danni akwiljani u mhux għad-danni kuntrattwali, u għalhekk il-kompetenza għandha tkun dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

.....omissis.....

Issa fil-każ preżenti, id-danni li qegħdin jiġu reklamati huma danni akwiljani u mhux danni 'ex contractu', għalhekk il-kwistjoni hija evidentement mhux konnessa mal-kuntratt ta' kera, fis-sens li ma hijiex kwistjoni li hija regolata minn dak il-kuntratt ...omissis... Il-kirja tikkrea presunzjoni fil-liġi imma l-kawża tibqa' bbażata fuq il-kunċett ta' negliġenza u kolpa, għalhekk jiġi sottomess bir-rispett il-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti appellanti bir-rispett jinterponu dan l-appell quddiem din l-Onorabbli Qorti, u jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fl-ismijiet premessi fil-11 ta' Frar, 2013, u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet magħmula mir-rikorrenti appellanti fir-rikors ġuramentat minnhom ippreżentata wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellati, bl-ispejjeż kontra l-intimati.

Appellat: Flat 3, Anna Flats, Birkirkara Road, Saint Julians.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 13 ta' Jannar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

As already explained, the cause as brought forward is not attacking any right or matter resulting from the lease, but is a request for damages suffered by the applicant appellants in the premises leased to them.

.....omissis.....

Thus, the existence of the lease agreement effects only the onus of proof, but the action is not incidental to the contract but distinct and separate from it. The cause which was instituted is that for damages in tort and not for contractual damages, and thus the competence should be that of the First Court Civil Court.

.....omissis.....

Now in the present cause, the damages which were being claimed are damages in tort and not damages 'ex contractu', thus the question is evidently not related to the contract of lease, in the sense that the matter is not regulated by this contract ...omissis... The lease creates a presumption at law but the cause is still based on the concept of negligence and culpa, and thus it is submitted with respect that the conclusion of the Honourable First Court was mistaken.

Thus, the applicant appellants respectfully file this appeal before the Honourable Court, and pray that this Honourable Court cancel and revoke the judgement given by the First Hall Civil Court given in the names premised on the 11th February, 2013, and pass on to uphold the demands made by the applicant in the sworn application filed by them after it rejects the pleas of the defendant respondents, with costs against the respondents.

Respondent: Flat 3, Anna Flats, Birkirkara Road, Saint Julians.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 13th January, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

83

B'digriet mogħti fid-9 ta' Jannar, 2015, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Louis Camilleri vs Joseph Camilleri, Rikors numru 2776/99, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat Louis Camilleri a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn Louis Camilleri vs Joseph Camilleri, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għat-Tnejn, erbatax (14) ta' Lulju, 2014, fid-9.00 a.m. u differita għad-19 ta' Jannar, 2015, fid-9.00 a.m.

By means of a decree given on the 9th January, 2015, by the Court of Appeal, in the records of the Appeal Application, in the names Louis Camilleri vs Joseph Camilleri, Application number 2776/99, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Louis Camilleri in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal between Louis Camilleri vs Joseph Camilleri, the Court fixed the hearing of this cause on Monday, fourteenth (14th) of July, 2014, at 9.00 a.m. and deferred to the 19th January, 2015, at 9.00 a.m.

Notifika: Louis Camilleri, 'Hacienda', Triq il-Lunzjata, San Ġwann.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 14 ta' Jannar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Notify: Louis Camilleri, 'Hacienda', Triq il-Lunzjata, San Ġwann.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 14th January, 2015.

